MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2007

Numru. 219/2007

**Il-Pulizija
(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Gilbert Bonnici bin Emanuel u Maria nee' Zammit, imwieled fl-10 ta' Jannar, 1981 u residenti Emmar, Triq is-Sardin (Burmarrad) San Pawl il-Bahar, Malta, detentur tal-karta tal-identita' numru 50681(M)**

**Stephen Xuereb bin Joseph u Maria nee' Cassar, imwieled fit-8 ta' Settembru, 1963 u residenti 299/301 Lumen, Triq Merhba, Fgura jew 118, Triq San Bartholomeo, Zurrieq, detentur tal-karta tal-identita' numru 493163(M)**

**Joe Debono bin Peter Paul u Maria nee' Muscat, imwieled fit-30 ta' Lulju, 1970 u residenti Debonair, Triq il-Qortin, Nadur, detentur tal-karta tal-identita' numru 28870(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmija Gilbert Bonnici, Stephen Xuereb u Joe Debono li gew akkuzati talli nhar it-23 ta' Jannar 2007 filghodu fi Triq il-Gharb, Rabat, Ghawdex, Gilbert Bonnici f'isem MAC JOINT VENTURE u Stephen Xuereb f'isem NEXOS STREET LIGHTING bhala persuni responsabbli minn rikostruzzjoni ta' Triq il-Gharb limiti tar-Rabat, Ghawdex u Joe Debono bhala persuna li fil-fatt kien jaghmel xoghol ta' thaffir, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti kkaguna hsarat b'cables tat-telefonija li kienu taht l-art u dan ghad-dannu tal-Maltacom plc;

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotti rrizulta illi s-socjeta' Mac Joint Venture kienet responsabbli ghar-rikostruzzjoni ta' Triq il-Gharb limiti tar-Rabat;

Is-socjeta' Nexos Street Lighting kellha tiehu hsieb li jsiru l-arbli tad-dawl f'din it-triq u x-xoghol ta' thaffir ghal dawn l-arbli kellu jsir mill-imputat Joe Debono;

Illi l-applikazzjoni ghall-permess sabiex isiru dawn ix-xogholijiet saret minn Gilbert Bonnici ghan-nom tal-Mac Joint Venture u li kienet l-istess socjeta' li ndikat lil Nexos Street Lighting fejn kellhom jigu l-arbli tad-dawl (ara xhieda ta' Alistair Abela u ta' Charles Giordimaina);

Fil-fatt kien il-foreman stess tal-Mac Joint Venture, Charles Giordimaina li indika lil Debono fejn kellu jhaffer ghal dawn l-arbli u ghalemm l-istess Giordimaina jghid illi

huwa kien jaf fejn kienu l-cables tal-Maltacom, huwa naqas li jindika l-istess lil Debono;

Ghaldaqstant il-Qorti hija tal-fehma illi hija s-socjeta' Mac Joint Venture li ghandha twiegeb ghall-akkuza stante illi l-imputati l-ohra mxew fuq struzzjonijiet moghtija mill-istess socjeta' u ghalhekk il-Qorti ma tistax tirriavviza l-ebda nuqqas fil-mod kif huma esegwew ix-xoghol taghhom;

Illi l-imputat Gilbert Bonnici qieghed jissolleva l-eccezzjoni illi s-socjeta' Mac Joint Venture ma ghandha l-ebda personalita' guridika u li inoltre Gilbert Bonnici ma huwiex ir-rapprezentant ta' l-istess socjeta';

Illi qabel xejn ghandu jinghad illi mix-xhieda ta' Joe Chircop bhala Assistant Manager tal-ADT jirrizulta illi l-applikazzjoni sabiex isiru x-xogholijiet saret minn Gilbert Bonnici ghan-nom tal-Mac Joint Venture;

Illi inoltre l-imputat Bonnici ma ressaqx l-icken prova sabiex isostni dak eccepit minnu u kwindi d-difiza tieghu ma tistax tittiehed in kunsiderazzjoni fin-nuqqas ta' provi;

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikolu 328 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li ma ssibx lill-imputati Stephen Xuereb u Joe Debono hatja u tilliberahom mill-akkuza migjuba fil-konfront taghhom, qed issib lill-imputat Gilbert Bonnici f'isem Mac Joint Venture hati tal-akkuza kif dedotta u tikkundannah multa ta' mitt Lira Maltin (Lm100).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------